MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2010

Appell Civili - Ghawdex Numru. 15/2008/1

**APS Bank Limited**

**vs**

**Francis Xavier Micallef**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta' Dicembru, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-2 ta' Mejju 2008, li jghid hekk:-
>
> 'Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' elf disa' mija u wiehed u disghin Euro u tmenin centezmu (€1,991.80)

ekwivalenti ghal tmien mija u hamsa u hamsin Lira Matija u tmien centezmi (Lm855.08) rapprezentanti s-somma ta’ elf disa’ mija u sitta u tmenin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€1,986.53) ekwivalenti ghal tmien mija, tnejn u hamsin Lira Maltija, u tnejn u tmenin centezmu (Lm852.82) in kwantu bilanc ta’ debitu relattiv mal-Loan Account numru tnejn, zero, zero, zero, zero, zero, tmienja, sitta, wiehed, disgha, disgha (20000086199) flimkien mas-somma ta’ hames Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€5.26) ekwivalenti ghal zewg Liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm2.26) in kwantu bilanc ta’ debitu relattiv mal-Interest Disposal Account numru : tnejn, zero, zero, zero, zero, hamsa, sebgha, zero, tnejn, disgha, erbgha (20000570294) u dan oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fuq l-ewwel akkont bankarju fuq l-imsemmi mit-tletin (30) ta’ Gunju 2007, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 26 ta’ Lulju 2007, u dawk tal-31 ta’ Awwissu 2007, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.’

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fis-26 ta’ Settembru 2008, li permezz taghha oppona ghat-talba tas-socjeta’ attrici.

Sama’ l-provi li ressqu l-partijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Sama’ lid-difensuri tal-partijiet.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza hija konsegwenza ta’ zewg facilitajiet ta’ self li saru u li gew avvanzati mill-Bank attur lill-konvenut permezz ta’ ittra

sanzjonarja tal-4 ta' Gunju 2003. L-ewwel facilita' ta' self li kienet giet approvata lill-konvenut kienet ghas-somma ta' tliet elef u sebgha mitt liri Maltin (Lm3,700), u kienet inghatat lill-konvenut biex ikun jista' jhallas il-maghlef ghat-trobbija tal-baqar tieghu, filwaqt li t-tieni facilita' ta' self moghtija lill-konvenut kienet ghas-somma ta' sebat elef liri Maltin (Lm7,000), u kienet inghatatlu biex jiffinanzja x-xiri ta' *cooler* ghall-halib tal-baqar. L-ewwel facilita' ta' self il-hlas taghha kien gie garantit b'investiment *term deposit account* li l-konvenut kellu mal-istess Bank, li kien igib in-numru 1270022901-1, u li fih kien hemm depozitata s-somma ta' tliet elef u disgha mitt liri Maltin (Lm3,900). Dan is-self kien thallas lura lill-Bank fit-13 ta' Settembru 2003, meta l-bilanc tas-self kien thallas minn dan l-investiment li kien pleggjat mal-Bank. Din il-kawza qed issir sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas il-bilanc ta' tmien mija, tnejn u hamsin Lira Maltija, u tnejn u tmenin centesimi (Lm852.82), illum ekwivalenti ghal elf disa' mija u sitta u tmenin Euro u tlieta u hamsin centesimi (€1,986.53) fuq il-*loan account* numru 2000008619-9, liema *loan account* jirrigwarda t-tieni facilita' ta' self li kienet giet moghtija mill-Bank attur lill-konvenut fl-ammont ta' sebat elef liri Maltin (Lm7,000).

Dan it-Tribunal ezamina l-*statement of account* dokument MG1 esibit mill-Bank attur u debitament ikkonfermat bil-gurament, u jirrizulta li l-ahhar pagament akkont li kien sar mill-konvenut kien fit-2 ta' Lulju 2007, u dak in-nhar wara li sar dan id-depozitu fil-*loan account* kien fadal bilanc fil-kont ta' tmien mija u tlieta u erbghin liri Maltin u seba' u disghin centesimi (Lm843.97), illum ekwivalenti ghal elf disa' mija u hamsa u sittin Euro u tnejn u disghin centesimi (€1965.92). Mix-xhieda ta' Maria Gatt, impjegata tal-Bank, irrizulta li minn dak in-nhar 'il hawn il-konvenut baqa' m'ghamel ebda pagament iehor f'dan il-kont, u li fil-fatt dan l-ammont ghadu dovut mill-konvenut oltre l-imghax

skond il-ligi minn dak in-nhar sallum. Il-konvenut minn naha tieghu ma kkontestax il-korrettezza ta' dan l-*statement*. Inghad li meta f'kawza ghall-hlas ta' kreditu jigi esibit *statement* li jigi konfermat bil-gurament bhala l-ammont dovut mill-konvenut u bhala ammont kalkolat korrettement, u minn naha tal-konvenut ma jkunx hemm kontestazzjoni dwar l-ezatezza ta' dik is-somma, allura m'ghandhiex tqum il-kwistjoni jekk tali *statement* huwiex korrett [Appell Inferjuri, **John Peel noe vs Joseph Bezzina**, 14/06/2001].

Il-konvenut jikkontendi li dan is-self kien thallas kollu minn kont li fih huwa kellu depozitata s-somma ta' xi erbat elef  liri Maltin(Lm4,000). Minn naha tieghu pero' baqa' ma gab ebda prova li biha wera a soddisfazzjon ta' dan it-Tribunal li wara t-2 ta' Lulju 2007, huwa kien ghamel pagament li bih kien gie saldat dan il-bilanc jew li dan il-bilanc kien gie mehud minn flus f'xi kont iehor li l-konvenut kellu depozitat mal-istess Bank. Il-hlas mit-*term deposit account* fl-ammont ta' tliet elef u disgha mitt liri Maltin (Lm3,900) li l-konvenut kellu mal-istess Bank jirrisali ghas-sena 2003, u li b'dak id-depozitu ta' flus kienet giet saldata facilita' ohra ta' self moghtija lill-konvenut precedentement ghat-tieni facilita' ta' self  avvanzata lilu, mentri l-bilanc ta' tmien mija u tlieta u erbghin liri Maltin u seba' u disghin centesimi (Lm843.97) ekwivalenti ghal  elf disa' mija u hamsa u sittin Euro u tnejn u disghin centesimi (€1965.92) pretis permezz ta' din il-kawza u li johrog mill-*statement* dokument MG1 jirrisali ghas-sena 2007, u ghal facilita' ta' self li saret separatament mill-ewwel wahda. Il-konvenut jallega li dan il-bilanc pretis huwa kien issaldah mill-flus li huwa kellu depozitati fit-*term deposit account*, u ma jiftakarx li l-Bank attur kien tah xi facilita' ohra ta' self ghalkemm mir-risposta elettronika tal-konvenut tal-10 ta' Novembru 2007, dokument MG6 li saret bi twegiba ghall-ittra ufficjali tal-Bank tal-31 ta' Awwissu 2007 (Ittra numru 623/2007), jirrizulta li huwa kien qed

jaccetta li fadallu jaghti lill-Bank dan il-bilanc pero' talab aktar zmien ghall-hlas. Il-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah, u jekk ikun hemm xi dubbju dan ghandu jigi rizolt favur il-Bank attur [Prim'Awla, **Joseph Borg noe vs Norman Buckle noe et noe**, 12/12/2002]. Mill-atti tal-kawza dan it-Tribunal huwa moralment konvint li l-konvenut fadallu jhallas dan il-bilanc lill-Bank.

It-talba attrici timmerita ghalhekk li tigi milqugha ghall-ammont pero' ta' elf disa' mija u hamsa u sittin Euro u tnejn u disghin centesimi (€1965.92), li huwa l-bilanc li jidher li kien hemm fil-*loan account statament* fit-2 ta' Lulju 2007.

Wara li ra l-artikoli 3(2), 7(1), 9(2)(a)(3) tal-Kap.380.

Ghaldaqstant jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' elf disa' mija u hamsa u sittin Euro u tnejn u disghin centesimi (€1965.92), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Bank attur din is-somma, bl-imghaxijiet li ghandhom jiddekorru fuqha skond il-ligi mit-2 ta' Lulju 2007 sal-effettiv pagament.

Spejjez kontra l-konvenut inkluzi wkoll dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Awwissu 2007 (Ittra numru 623/07)."

Il-lanjanzi ewlenin tal-konvenut fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza huma li l-ammont reklamat ma huwiex dovut u, konsegwentement, ghal dik ir-raguni ebda interessi ma kienu dovuti lill-Bank attur anke ghaliex dan ma setax jitlob il-hlas ta' dawk l-interessi fuq ammont li ma kienx cert, likwidu u dovut;

Il-fatti sostanzjali ta' dan il-kaz kif jinzlu mill-atti istruttorji tal-kawza huma dawn:-

1. Is-*sanction letter* tal-Bank datata 4 ta' Gunju, 2003 (fol. 14) tippreciza illi l-konvenut appellant inghata zewg facilitajiet ta' self: il-wiehed fl-ammont ta' Lm3700 u l-iehor ta' Lm7000. Gie spjegat mix-xhud Josianne Gauci f'isem il-Bank illi dak l-ewwel self kien ittiehed mill-appellant biex jissalda zewg facilitajiet ohra precedenti kif attestat mis-*sanction letter* datata 17 ta' Dicembru, 2002;

2. Fit-13 ta' Settembru 2003 il-Bank ghalaq din il-facilita komplessiva ta' Lm3700 billi adopera ghaliha kont fiss ta' Lm3900 li l-appellanti kellu ma' l-istess Bank. Jinghad mix-xhud imsemmija illi d-differenza ta' Lm200 ttiehdu biex ipattu ghall-imghaxijiet li lahqu akkumulaw. Ara wkoll l-ispjegazzjoni in mertu ghal din l-istess facilita fin-Nota ta' l-istess Gauci, *qua* Manager Recoveries Unit tal-Bank, ipprezentata fid-9 ta' Ottubru, 2009;

3. Ix-xhud Maria Gatt, clerk ma' l-istess Bank, tikkonferma illi l-konvenut beda jaghmel pagamenti fuq is-self l-iehor pero` mbaghad waqaf ihallas u l-Bank irrikjama minghandu l-bilanc dovut. Jinghad ukoll illi l-konvenut irrikonoxxa li ghad baqalu jhallas u dan kif minnu kkonfermat b'e-mail tal-10 ta' Novembru 2007 (fol. 24);

4. Din l-istess xhud tiddikjara wkoll illi kwantu ghall-interessi fuq il-*loans* il-Bank ikkomputahom skond it-termini tas-*sanction letter* ta' l-4 ta' Gunju, 2003 izda mbaghad wara li ghamel il-*call in* infetah interest disposal account separat "sabiex l-interessi li jakkumulaw fuq is-self ma jigix komputat fuqhom imghax fuq imghax" (ara xhieda taghha *in calce* a fol. 26);

5. Da parti tieghu l-konvenut jiddikjara illi hu kien issellef Lm6000 pero dwar imghax ma kienx hemm ftehim. Jghid ukoll illi hu kellu xi depoziti ma' l-istess Bank li gew arrogati mill-istess Bank biex ipattu ghal-*loan* u konsegwentement, skond hu, il-Bank kien thallas minn dawk l-akkonti li kellu (ara deposizzjoni tieghu fl-udjenza tal-10 ta' Lulju, 2009);

B'dawn il-premessi fatti quddiemha s-soluzzjoni tal-vertenza agitata issa bl-ilmenti sottoposti ma toffri ebda diffikolta partikolari. Fir-rigward il-Qorti taghmel dawn ir-riljevi:-

1. Il-Bank attur ipprova, sija mix-xhieda testimonjali tar-rapprezentanti tieghu, kif ukoll mid-dokumenti esebiti, il-fonti tad-dritt tieghu u, ukoll, issodisfa l-allegazzjoni tieghu ta' l-inadempiment fil-kontro-parti tal-hlas bilancjali dovut fuq il-*loan*;

2. L-istess Bank ipprova wkoll illi l-inosservanza da parte tal-konvenut tal-hlas dovut meta hekk rikjamat minnu ghal dak l-iskop kienet tiggustifika t-tehid tal-proceduri ghal fatt motivat illi d-dewmien esagerat da parti tal-konvenut, debitur tieghu, kien altru milli jeccedi l-limitu ragjonevoli tat-tollerabilita` da parti tal-Bank kreditur. Ara f'dan il-kuntest ix-xhieda ta' Maria Gatt a fol. 25;

3. Maghdud dan, la skond il-ligi l-pagament jikkostitwixxi adempiment ta' obbligazzjoni pekunarja (ara Artikolu 1146, Kodici Civili), l-istess ligi, kif supplimentata minn gurisprudenza kopjuza, tponi fuq l-appellanti debitur l-oneru tal-prova tar-radd lura tas-self. Dan hu seta' jaghmlu "bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda, u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji kapaci li jikkonvincu lill-gudikant" ("**Emmanuele Bezzina -vs- Emmanuele Attard *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 12 ta' Frar, 1959). Minn dan kollu l-appellanti mhux biss ma ghamel xejn izda, addirittura, tezisti kontra tieghu r-*regina probationum* kostitwita mill-ammissjoni tieghu bl-e-mail tal-10 ta' Novembru 2007 fejn hu informa lil Bank li kien pront li jhallas b'dan li talab zmien ghall-hlas minhabba li f'dak il-mument, skond kif mistqarr, hu kien rinfaccjat bi problemi finanzjarji fl-intrapriza tieghu. Kif drabi ohra ritenut, meta tezisti ammissjoni bhal dik, "bizzejjed biex il-process jinghalaq". Ara "**Carmelo Bonnici *nomine* -vs- Ronald Farrugia *et***", Appell Civili, 26 ta' Ottubru, 1970;

4. Jghid x'ighid l-appellanti illi l-ammont reklamat, u allura lanqas l-interessi, ma huma dovuti, il-fatt jibqa' illi gjaladarba l-Bank kreditur gab prova ta' l-ezistenza tal-kreditu, li incidentalment, hu wkoll wiehed cert, likwidu u dovut, in-nuqqas da parti ta' l-appellant tal-fatt estintiv tieghu, hekk gravanti fuqu, igib b'konsegwenza logika illi, in difett ta' prova, il-kreditu ghadu ezistenti;

Frankament din il-Qorti, sew in raguni tal-provi evalwati, kif ukoll in bazi tal-konsiderazzjonijiet appena maghmula qajla tirriskontra serjeta fil-gravami sottoposti lilha bl-appell, attiz ukoll il-linja difensjonali generika u, alkwantu, superficjali kontenuta fl-unika eccezzjoni ghat-talba attrici, u li permezz taghha l-konvenut sempliciment oppona t-talba.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tirrespingi l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 223 (4) tal-Kapitolu 12 tikkundanna lill-appellanti jhallas id-*doppio spese* ta' dan l-appell.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------